# L-Għajta tal-Pappagall

Pierre J. Mejlak

Staqsewha jekk għandhiex qraba jew ħbieb li tista' ċċempel u, mibluha kif kienet bl-aħbar, u b'Ricky, il-pappagall, sejjer *what what what what* fil-gaġġa tiegħu fil-kċina, qaltilhom li, iva, għandha. Serrħitilhom rashom li ma kenitx se tkun weħidha u lil xi ħadd kienet se ssib ma' min tmur l-isptar biex tara x'jeħtieġ isir. B'għoqla qisha bebbuxu fi griżmejha, irringrazzjathom li ġew bl-aħbar flok ċemplulha. Għalqet il-bieb warajhom u, bla saħħa, poġġiet bilqiegħda, tħares lejn ritratt tagħhom it-tnejn f'jum it-tieġ, hu b'libsa blu qed jogħla biex jaqbad bużżieqa roża u hi b'libsa bajda, bilqiegħda titbissem lejh. Iffukat fuq nemxa li dik il-ħabta kellu taħt għajnejh il-leminija, li mbagħad bdiet tikber bħal qatra linka fuq karta xuga, u t-tabib kien tah parir jaħraqha. U ħaraqha.

Rari kienet rat żewġ pulizija nisa mingħajr almenu uffiċjal raġel fil-qrib. U kif rathom mit-tieqa tal-bieb bħal għaddielha minn moħħha li kienet x'kienet l-aħbar ma setgħetx tkun tant importanti. Iżda arralha. Għax l-aħbar li żewġha kien għadu kemm instab mejjet, mgħaffeġ f'taxi, ma stajtx issejħilha aħbar taċ-ċajt.

L-inċident kien ikrah u, biss biss, kien involva tliet karozzi oħra. Iżda kienet it-*taxi* li fiha kien hemm żewġha li ntlaqtet l-agħar. Għal xi raġuni jidher li t-*taxi*

**Nota Editorjali**
Din in-novella dehret għall-ewwel darba tradotta bl-Ingliż, fil-ġabra ta' stejjer qosra "Having Said Goodnight", ippubblikata mill-Merlin Publishers f'April 2015.

skiddjat fuq ir-*ring-road*, daret la ġenbha u *trailer* ġej sparat mid-direzzjoni l-oħra ma kellux ċans jieqaf u daħal fit-*taxi* min-naħa tal-passiġġier. Id-daqqa tant kienet qawwija li għaffġet lil żewġha minn qaddu 'l fuq. Anke x-xufier kien qed jilgħabha mal-mewt.

Daqshekk. Stan kien telaq. Bla ebda avviż, bla ebda ittra, bla ebda ġlieda jew diskors tqil. Bla ebda avukat ħdejh. Xejn. Sparixxa, kif jgħidu l-Franċiżi, bħal bassa fid-deżert. Tqum filgħodu mingħalik li qomt għal jum ieħor banali u f'nofsu tintebaħ li hu wieħed straordinarju, wieħed minn dawk li jimmarka l-qabel u l-wara.

Kienet ħasbet sikwit dwar il-mewt. Kemm tagħha kif ukoll dik ta' nies qrib tagħha, inkluż tiegħu. Iżda r-reazzjoni li kienet uriet quddiem il-pulizija fl-intrata ma kenitx ipprevedietha. Ma bdietx tibki, pereżempju. Ma bdietx tgħidilhom, bi tlaqliq frott il-biki, li ma jistax ikun u li Stan … Stan għadu ħaj. Ma bdietx twerżaq. Lanqas ħassha ħażin. Sempliċiment niżlitilha ħarira l-pressjoni – kif kienet tinżlilha darbtejn f'ġimgħa – bjadet u waqgħet f'muta, bħallikieku kienet daħlet f'bużżieqa u ħalliet barra 'l bqija tad-dinja. L-ilħna taż-żewġ pulizija sarulha qishom ilħna ta' żewġ ġirien qed jitkellmu bejniethom minn wara ħajt oħxon, f'nofs ta' lejl.

Kien fix-xawer, bl-ilma sħun nieżel fuqha, li fehmet x'fissret tassew l-aħbar li kienu ħallewlha l-pulizija fl-intrata. Kienet tfisser – f'erba' kelmiet – li ħajjitha setgħet, fl-aħħar, tibda. Qisha manna mis-sema kienet waslet soluzzjoni għall-akbar problema li kellha. Bħal xi ħadd li jqum f'nofs ħolma tal-waħx u jistrieħ meta jagħraf li kerha kemm kienet kerha *ormai* għaddiet, għolliet wiċċha 'l fuq taħt il-pressa tal-ilma sħun, għalqet għajnejha u ħadet pjaċir tħoss ħalqha jitfawwar bħal ta' ninfa f'nofs funtana. U ftakret f'immaġni tal-Madonna li missierha kien dendlilha f'kamritha fi tfulitha u li lilha kienet titlob għarkopptejha, b'minkbejha fuq is-sodda, kull filgħaxija. U minkejja li kienu għaddew tant snin u issa kienet eluf ta' kilometri bogħod mid-dar, f'belt ġganteska u storbjuża, setgħet taraha ċar quddiemha. Il-Madonna fin-nofs, b'anġlu – anzi arkanġlu – fuq kull spalla, iġorr xi ħaġa stramba. U flok talbitha pjaċir jew miraklu, kif kienet tagħmel fi tfulitha, did-darba rringrazzjatha.

Qatt ma kien għaddielha minn rasha li kellha tgħix iżjed minn żewġha. Kienet tiġiha faċli wisq timmaġinah xiħ ta' tmenin, anke disgħin, b'wiċċu mkemmex u b'xagħru abjad, ħafif. Faċli, għax l-atteġġjament ta' xiħ ta' tmenin jew disgħin kien diġà fih ta' ħamsa u ħamsin. U bl-ilma nieżel fuqha, ħasbet dwar l-aħħar fażi ta' ħajjitha u ħassitha qisha pittur b'tila bajda quddiemu. Kittieb iħares lejn karta vojta. Skultur lejn kantun. Kulma riedet issa kienet

is-saħħa. Il-ferħ jew id-diqa kienu jiddependu biss minnha u ħsieb tiddeludi ruħha wara snin ta' delużjoni injettata minn ħaddieħor, ma kellhiex. Baxxiet rasha, battlet ħalqha u tbissmet, konxja li minn issa 'l quddiem, almenu għal ftit, dik it-tbissima quddiem in-nies riedet toqgħod b'seba' għajnejn kif toħroġha.

F'moħħha fasslet lista, pass pass, ta' x'kien imiss. Il-krematorju, l-ewwel ħaġa. Imbagħad il-ħlas tal-kontijiet. Il-mili tal-formoli meħtieġa biex tkun tista' tieħu dak li – bħala armla (*armla!*) – kienet intitolata għalih. Riedet tara x'ħalla u x'tista' żżomm minn dak li ħalla. U l-bqija twaddbu fiż-żibel. Imbagħad tibda ħajjitha, biha tagħżel liema toroq tixtieq tieħu u b'liema ħeffa tmidd kull pass. Kienet żgura li mat-triq kienet se tiltaqa' ma' nies li se jsebbħulha ħajjitha u li flok jagħlqulha l-purtieri kienu se jiftħulha t-twieqi biex tgawdi veduti sbieħ. Iva, f'daqqa, kollox beda jagħmel sens. Anke dawk is-snin ta' diqa. Kienu bżonjużi. Daqskemm hi bżonjuża molla li żżomm ġugarell magħfus mal-art biex, imbagħad, xħin teħilsu, itir ferħan.

B'wiċċha rifless fil-fwar tal-mera, idejha bħal kiluha biex tiġbor ix-xafra tal-leħja u l-bott tal-*aftershave* u l-ixkupilja tas-snien kollha Colgate imkaħħal magħha, u tibda tarmi. Iżda ma kienx il-waqt. B'mod simboliku qabdet biss, bit-trufijiet ta' subgħajha, il-bott aħdar tal-Palmolive, kollu dlik u ragħwa magħquda, u marret fil-kċina twaddbu fil-landa taż-żibel, b'Ricky sejjer *what what what what what* fil-kantuniera.

Fil-kamra tas-sodda bdiet taħseb x'setgħet tilbes. Kos, kif imorru lebsin ir-romol friski l-isptar? Probabbli jmorru bil-ħwejjeġ li jkunu lebsin xħin jingħatalhom it-titlu. Iżda hi laħqet inħaslet. Tmur bl-iswed? Il-ħwejjeġ suwed li kellha kienu puliti wisq. Mill-kexxun tal-qiegħ għażlet flokk griż u mill-gwardarobba tal-bieba li żżaqżaq ħarġet il-*jeans* iswed li, minħabba l-gdiedem ta' żewġha, kienet ilha ma tilbes snin. Xħin ħarset fil-mera u rat id-djuqija li kienet turtah, ħasbet li ma setgħetx għażlet tibdila aħjar.

Bilqiegħda fuq is-sodda qed tilbes iż-żarbun, ħasset is-saqqu ħafn'iżjed komdu milli qatt ħassitu qabel. U s-sodda f'daqqa dehritilha akbar. Kos, minn dik il-lejla setgħet torqod tħares lejn in-naħa tal-lemin ukoll. Min kellu jgħidilha? U mill-għada setgħet iddawwar is-sodda dawramejt biex tħares lejn it-tieqa, kif dejjem xtaqitha, u tarmi dawk l-inkwatri tal-gwarniċ, tqal u koroh, eżatt bħan-nisa li kien hemm impittra fuqhom. Imbagħad kienet se tiżbogħ il-ħitan b'kuluri ċari u taqla' l-linef u flokhom iddendel *shades* ħelwin. U fl-aħħar setgħet tibdel is-sufan u tixtri wieħed komdu, li ma tiddejjaqx tpoġġi fuqu. U televixin bħal tan-nies u teħles minn nofs l-għamara vojta li kien

hemm iċċekken kull kamra u li bżonnha qatt ma kellhom. Kemm kien hemm affarijiet x'tagħmel! U jekk kienet se tara li kienu wisq, setgħet dejjem tbigħ id-dar f'nofs din il-belt storbjuża u anonima li qatt m'għoġbitha, u bil-flus tixtri dar iċken, fil-kampanja, bħal dawk li ġieli rat fil-ħolm. Bid-differenza li issa, xħin tħares mit-tieqa ma kenitx se tara lil żewġha, fil-karozza, iħares lejha bil-ħarsa ta' xi ħadd li lest iħarbat pjan.

Bil-*jeans* marsus magħha ħassitha komda timxi mill-kamra tas-sodda sal-kċina. Ħassitha sabiħa. Iżgħar. U l-pass tagħha ħassitu eħfef. Anke Ricky donnu nduna li kienet qed tisfida l-fatwa ta' żewġha.

*What what what what what what ...*

B'għajnejha f'għajnejh irrealizzat li fl-aħħar setgħet teħles minnu wkoll. Kien għasfur kbir, goff u, fuq kollox, stupidu u l-*what what what* li kien għallmu jgħid żewġha hekk kif xtrah, kienet tagħmlu jidher iżjed kretin. *You know what?* qaltlu waqt li qabdet il-gaġġa b'idejha t-tnejn u resqet ħdejn it-tieqa u fetħitha beraħ. *We both have served our time.* U fetħitlu l-bieba u l-pappagall, ma jafx x'laqtu, ħareġ fuq is-soll, miexi qisu tifel imwerwer se jaqbeż fil-baħar għall-ewwel darba. Kuraġġ jiftaħ ġwenħajh u jaqbeż fil-vojt ma sabx. Forsi lanqas biss kien konxju li seta'. Għalqet it-tieqa biex lura fil-kċina ma jidħolx u bit-tieqa magħluqa Ricky nfixel. Beda jtektek munqaru mal-ħġieġa u jfakkarha fil-kelma li kien tgħallem, bħallikieku biex juriha li ma kienx it-tip ta' għasfur li għandek twaddab mit-tieqa 'l barra.

Ħarset lejn l-arloġġ. Il-pulizija kienu ilhom siegħa li tawha l-aħbar u x-xemx kienet bdiet nieżla. Ċemplet *taxi*. Min jaf kenitx tal-istess kumpanija li kien uża żewġha dakinhar? U, kos, x'kien qed jagħmel f'*taxi*? Is-soltu biex iżur sit ta' kostruzzjoni, kif kien xogħlu, kien jieħu karozza tal-uffiċċju. Bilfors li ma sabx. Waqt li stenniet it-*taxi* daret dawramejt mal-kamra u osservat il-vażuni vojta li issa, mingħajru – allerġiku għalkollox – setgħet timla bi fjuri sbieħ. Tulipani, vjoletti Afrikani, ibisku, ġilji u ġiżimin. Il-ħsieb tal-fjuri fakkarha fiċ-ċerimonja tal-krematorju li kien jeħtieġ torganizza, fit-tebut u f'żewġha mimdud fih. Min jaf jekk laħqitx għaddietlu xi ħaġa minn moħħu qabel it-*trailer* daħal fih? Tgħid kien wiċċha l-aħħar wiċċ li ħaseb fih?

Mal-aħħar dawra madwar il-kamra ġibdet il-mejda tal-ikel fin-nofs, eżatt taħt il-linfa, kif dejjem xtaqet li tpoġġiha. Kaxkret is-siġġijiet mill-ġdid madwarha u nnotat ir-rogħda f'idejha. Kienet eċċitata. Xi ftit ukoll beżgħana. Fetħet il-gradenza fejn żewġha kien jistiva x-xorb u ppruvat tagħżel flixkun. Iżda fl-alkoħol ma kenitx tifhem u t-tikketti ma qalulha xejn. Kienet taf biss li l-Macallan li kien tah missieru qabel miet kien speċjali, tant li biex jiftħu

kien qed jistenna okkażjoni mill-kbar. Tagħha kienet waslet. Battlet ftit minnu f'tazza iżda belgħa waħda kienet biżżejjed. Xerqet u qarrset wiċċha. X'jarawlu dax-xorb? Kif poġġiet it-tazza ħdejn il-flixkun fuq il-mejda tal-kċina, daqqet il-qanpiena. Għal darba tnejn. Ix-xufiera tat-*taxi* dejjem mgħaġġlin.

Imxiet lejn l-intrata, bl-għajta tal-pappagall issa bilkemm tinstema', u mit-tieqa tal-bieb, flok lix-xufier tat-*taxi* rat lil żewġha. Għasra minn fuq s'isfel, bil-qmis bajda mwaħħla miegħu. Deher irrabjat. U mejjet bil-bard. X'għamel bihom iċ-ċwievet? U fejn ħallieha l-ġakketta?

B'idha l-leminija rogħda waħda, bdiet iddawwar iċ-ċavetta.